MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 32/1999/1

***Agent Kummissarju ta' l-Artijiet***

***vs***

***Alfred J. u Irene Polacco***

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-Agent Kummissarju ta' l-Artijiet qal (fol 1).

1. Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 18 ta' Marzu 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhaal franka u libera tal-bicca art fl-Iklin tal-kejl ta' circa 417 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Alfred John Pollacco, mil-Lvant ma' Triq Pubblika u min-Nofs-in-Nhar ma' proprjeta' ta' Manlo Ltd, huwa ta' tnax-il elf u tlett mitt Lira Maltija (lm12,300), kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred. H. Valentino A.&C. E tat-3 ta' Dicembru, 1998 li kopja tieghu 'Dok A' hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

2. Illi b'ittra ufficjali 30 ta' Marzu 1999, l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' mija u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm120,000.00).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra t-twegiba ta' l-intimati (fol 16 –17).

Bil-prezenti Alfred J. u Irene mizzewgin Pollacco ta' "il-Holqien", Triq l-Insolja, Attard, jirreferuk ghall-Avviz ghall-Ftehim tat-18 ta' Marzu 1999, li bih infurmajthom illi l-Awtorita' kompetenti hija lesta biex thallashom is-somma ta' tnax-il elf u tlett mitt lira (Lm12,300) ghax-xiri assolut, bhala libera u franka, ta' bicca art fl-Iklin, tal-kejl ta' cirka erba' mija u sbatax (417) metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral mal-proprjeta' tal-mittent Alfred John Pollacco, mill-Lvant ma' triq Pubblika u minn-Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Manlo Limited u ghall-finijiet kollha tal-ligi jaghrufk illi huma ma jaccettawx il-kumpens imsemmi u minnek offert.

Il-mittenti qed jitolbu s-somma ta' mija u ghoxrin elf lira Maltija (Lm120,000) peress illi l-art taghhom hija fabbrikabbli kollha kemm hi b'faccata fuq zewg toroq pubblici, fil-qalba ta' centru kummercjali kbir hafna, affjankata bi stabbiliment maghrufa mill-Majjistral ma' bicca art li nbieghet ricentement (cirka chur ilu) lis-Sitta Joseph Hammett ghall-prezz ta' Lm150,000; Societa' Grech's Limited tal-Bathrooms, J. B. Stores Kummercjali tad-drappijiet, Hal-Mann tal-irham u bathrooms, Bathroom

design, Orienta, Gallerija Darmanin, Right Deal, Josie's Limited, Keune Hair Centre u ohrajn – u per konsegwenza l-valur tal-art taghhom u cioe' tal-plots fabbrikabbli numri 9, 6 u 7 kuluriti bl-ahmar fuq l-annessa pjanta Dok X; ghanda jkun iktar valistiku u rapprezentanti l-veru valur fuq is-suq; kif mitlub mill-mittenti.

Tant biex taghraf timxi u bl-ispejjez.

Ra d-digriet tieghu (diversament presedut) tas-17 ta' Marzu 2000 li bih gew mahtura l-AIC Joseph mizzi u AIC David Pace bhala membri teknici a tenur ta' l-Artikolu 25 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li d-dikjarazzjoni tal-President u l-Avviz ghall-ftehim gew regolarment notifikati.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra,

1. L-imsemmija periti accedew fuq is-sit fit-12 ta' Novembru 2002 biex jinfurmaw ruhhom ahjar dwar l-ambjentar tal-proprjeta' u wara li kkunsidraw ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta u partikolarment l-art 27 stmaw il-proprjeta' bhala fabbrikabbli hlief ghall-parti zghira fl-ammont ta' hdax-il elf lira mija u tletin lira Maltija (Lm11,130) liema relazzjoni ghanda taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Jilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors u jordna favur ir-rikorrenti t-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut bil-valur fuq imsemmi ta' hdax-il elf mija u tletin lira Maltija (Lm11,130) l-art fl-Iklin tal-kejl ta' cirka 417 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Alfred John Polacco, mill-Lvant ma' Triq Pubblika u minn Nofs in-Nhar ma' proprjeta' ta' Manlo Ltd ippjanata mill-Perit Frederick H. Valentino fit-3 ta' Dicembru 1998, li kopja tal-pjanta hi mehmuza fl-atti.

Jahtar lin-Nutar Dottor Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fid-19 ta' April 2004 fit-3:00 p.m. fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-Avukat Dottor Mark Attard Montalto biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ta' din il-procedura u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------